**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 66

Il-Ħamis, 11 ta' Frar, 2016

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Michael Fenech Adami | Preżenti |
| Viċi-President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Kunsillier Tas-Sliema | Paul Radmilli | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Prezenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Prezenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Skużat |
| Sindku l-Gżira | Conrad Borg Manche | Prezenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Assenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Skużat |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Prezenti |
| Sindku Tal-Pietà | Keith Tanti | Assenti |
| Sindku l-Iklin | Anthony Dalli | Preżenti |
| Viċi Sindku Ħal Balzan | Andre Grech | Preżenti |
| Sindku San Giljan | Karl Gouder | Assenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 65 li saret nhar l-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016, bħala moqrija.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, għamel kjarifika fuq punt numru 2.1. fejn spjega li fl-laqgħa preċedenti li dan ir-Regjun kellu mar-Regional Authoised Officer, is-Sur Sandro Muscat, dan kien qal li l-Gwardjani Lokali li jkunu libsin l-uniformi jistgħu joħoroġu ċitazzjonijiet fuq ksur tal-liġi fuq l-ambjent, bħal pereżempju, meta tinħareġ il-borża s-sewda fil-ġurnata meta tinġabar biss il-borża tar-riċiklaġġ. Wara din il-laqgha, is-Sur Radmilli kien mar iffittex fil-liġi u ma sab l-ebda referenza fuq dan u għal din ir-raġuni s-Sur Radmilli kien talab lir-Reġjun sabiex tinketeb ittra lill-Avukat Generali biex jagħmel kjarifikazzjoni. Is-Sur Radmilli spjega li fil-liġi m'hemm xejn dwar dan.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, u sekondat mis-Sur Andre Grech.

## 2. MATERJI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

### 2.1 Ittra lill-LESA

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, xtaq jagħmel kjarikia dwar l-idea biex tintbagħat ittra lill-LESA kienet tiegħu u mhux tal-President, is-Sur Michael Fenech Adami. Din l-ittra ma kien fiha l-ebda skop politiku ħlief biex dan ir-Reġjun ikun aktar infurmat dwar l-operazzjoni tal-LESA fejn jidħol ir-Reġjun.

Is-Sur Cordina kompla jgħid li waqt din il-laqgħa, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex din l-ittra tintbagħat lill-AKL sabiex il-punti tar-Reġjun ikunu jistu jiġu mressqa lill-LESA.

Is-Sindku ta' l-Iklin, is-Sur Anthony Dali, għamel referenza għat-tender tad-dwal fit-toroq. Diversi Kunsilli Lokali għadhom għaddejin b'kuntratt skadut. Għalkemm dan it-tender kemm-il darba ġie diskuss waqt il-laqgħat tar-Reġjun, is-Sur Dalli spjega li s'issa ma kien hemm l-ebda deċizjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri preżenti li ser tistaqsi x'għamlu r-Reġjuni l-oħra u tipreżenta l-informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex dan ir-Reġjun jistieden lis-Sur Raymond Zammit kif ukoll lis-Sinjura Elizabeth Vassallo għal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss sabiex il-punti li qed jiġu mqajma waqt dawn il-laqgħat jitressqu waqt din il-laqgha.

Kien hemm qbil li qabel ma ssir il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss, għandha tissejjaħ laqgħa oħra sabiex jiġu diskussi l-mistoqsijiet li ser jitressqu fil-laqgha mal-LESA.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, talab lil membri sabiex inkomplu b'item numru 9 tal-aġenda u għalhekk stieden l-Accountant ta' dan ir-Reġjun, lis-Sur Brendan Camilleri, sabiex jippreżenta l-*financial statements*.

Is-Sur Camilleri ta spjegazzjoni tal-qagħda finanzjarja li jinsab fiha dan ir-Reġjun.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex jintbagħtu kopja tar-rapporti dwar kif intlaħqu l-ammonti tal-*Commissions* kif ukoll tal-*bank charges*.

Il-Financial Statements ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta l-Iklin, is-Sur Anthony Dalli.

***6:32pm: is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, skuża ruħu mil-laqgħa.***

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Presidet, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand is-Sur John Cilia rigward il-vettura tiegħu LAG398. Is-Sur Cilia spjega li n-number plates tal-vettura kienu nsterqu fil-5 t'Ottubru 2009 u provda anke rapport tal-Pulizijia dwar dan. Is-Sur Cilia qed jitlob sabiex ic-citazzjonijiet li kienu ngħatawlu minn din il-ġurnata u li jammontaw għal **€1049.71** jiġu rtirati minħabba din ir-raġuni.

Apparti minn dan, is-Sur Cilia għandu citazzjonijiet oħra fuq din i-vettura, li jammontaw għal €1513.46. Is-Sur Cilia qed jitlob sabiex dan l-ammont jitħallas bin-nifs.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex ir-Reġjun isaqsi għal parir mill-avukat tar-Reġjun u terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

4.2 Is-Segretarju Eżekutiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li dan ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand is-Sur Ray Abela (Managing Director tat-TCTC) nhar it-22 ta' Jannar 2016 fuq proġett – '**EM CITIZE**N'. F'din il-proposta, is-Sur Abela kien qed jipproponi li r-Regjun jiffinazja parti mill-proġett b'ammont ta' **€750.00.** Pero, r-Reġjun għandu joħroġ ukoll l-ispiża ta' dawk il-Kunsilli Lokali li ma jipparteċipawx f'dan il-proġett.

Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex il-proposta tas-Sur Abela tintbagħat lill-Kunsilli Lokali f'dan ir-Reġjun u kull Kunsill Lokali għandu jgħid jekk hux interessat li jipparteċipa. Wara li tinġabar din l-informazzjoni, din il-proposta għandha terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 5. MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## 6. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Xejn.

## 7. TENDER GĦAL VAN

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun għandu joħorġ sejħa ghal van sabiex ikun jista' jigi użat mill-ħaddiema tal-RSS Ltd.

Għal din ir-raġuni is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ressqet fuq il-mejda kopja ta' tender.

Kien hemm qbil li d-dokument għandu jintbagħat lis-Sur Conrad Borg Manche sabiex jevalwa dan id-dokument qabel ma jsir l-avviż.

Is-Sinjura Galea infurmat lill-membri li għandu jinħatar bord sabiex ikun jista' jevalwa d-dokumenti tat-tender wara d data ta' għeluq. Il-Bord ser ikun kompost mis-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Conrad Borg Manche flimkien mas-Sur Karl Gouder.

## 8. PREŻENTAZZJONI MIS-SUR MARIO CAMILLERI MILL-KUMAPNIJA A.M.E. – 'ZEBRA CROSNG AS PER EU REQUIREMENTS'

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan l-item ser jiġi inkluż fil-laqgħa li jmiss għar-raġuni li s-Sur Mario Camilleri ma setax jibqa' għal din il-laqgħa.

## 9. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Il-President spjega li r-Reġjun bagħat e-mail lis-Sinjura Elizabeth Vassallo rigward il-ħlasijiet li ser jibdew

jitħallsu mil-LESA. Is-Sinjura Vassallo wieġbet li r-Reġjun għandu jibgħat l-iskeda tal-pagamenti flimkien mal-minuti fejn juru l-approvzzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, sekondat mis-Sindku tal-Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 65. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**10. PROPOSTI TA' AVVENIMENTI SPORTIVI**

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda proposta tiegħu [DOK A anness] u ta spjegazzjoni dwar l-avvenimenti sportivi li għandhom isiru f'kull Kunsill Lokali ta' dan ir-Reġjun u l-ispejjez li hemm involuti sabiex iseħħ dan l-avventiment.

Din il-proposta għandha tkompli tiġi diskussa fil-laqgħat li ġejjin.

**11. AFFARIJIET OĦRA**

***11.1 Aġġornament fuq it-talba mressqa mir-Reġjun għal CCTV Camera's f'San Ġwann u f'Santa Venera.***

Ghalkemm il-proċess għal talba ta' CCTV Cameras ġodda min-naħa tar-Reġjun flimkien mal-Guard and Warden Services Ltd. kien lest, fit-28 ta' Jannar 2016, is-Sinjura Galea spjegat li r-Reġjun għadu kif ġie infurmat mis-Sinjura Elizabeth Vassallo li dawn l-applikazzjonijiet għandhom jerġgħu jiġu valutati u s-siti għandhom jiġu evalwati mill-LESA (avolja dawn l-applikazzjonijiet kienu saru f'Lulju 2015, meta LESA ma kinitx għadha fis-seħħ). Għal din ir-raġuni, ir-Reġjun għaddha l-informazzjoni kollha lis-Sinjura Vassallo u għandu jistenna l-approvazzjoni tal-LESA.

***11.2 Kiri ta' Scanner termporanju***

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, infurmat lill-membri preżenti li f'Jannar 2016 l-photocopier tar-reġjun kellu problema bis-sistema tal-iscanning u għal din ir-raġuni kellu jinkera scanner temporanjament mingħand Avantech sabiex il-preparamenti ikunu jistgħu jsiru mill-aktar fis possibli. Il-kirja hija ta' €177.00 (VAT inkluza) kull xhar. Din ser tittneħħa immedjament kif ikollna l-photocopier il-ġdida.

11.3 ***Photocopier/Printer/Scanner għall-uffiċċju amministrattiv***

Fil-preżent dan l-uffiċċju għadu għaddej b'kirja mingħand il-kumpanija Avantech Ltd. Din il-photocopier hija qadima tant li saħansitra lanqas *parts* tagħha ma ssib jekk jinqalalha xi problemi. Għal din ir-raġuni, din il-magna għandha tinbidel mill-aktar fis possibli sabiex ix-xogħol tat-tribunal ma jiġix effetwat. Jekk din il-magna tieqaf taħdem, ma tkunx tista' terġa' tissewwa. Għal din ir-raġuni qed inressqu tliet kwotazzjonijiet għall-aprovazzjoni tar-Reġjun.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li dan ir-Reġjun għandu jikkonsidra jagħmel scanning tad-dokumenti tas-seduti tat-Tribunal. Jekk il-membri jaqblu dwar dan, allura dan ir-Reġjun għandu jixtri magna li tkun tista' sservi għal dan l-iskop ukoll.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li dan il-punt għandu jerġa' jiġi diskuss fil-laqgħa li ġejja wara li jkun hemm aktar tagħrif mir-rappreżentanti tal-LESA.

***11.4 Kwotazzjoni għal xiri ta' Laptop***

Fl-aħħar laqgħa kien ġie approvat xiri ta' laptop għas-Segretarju Eżekuttiv, u għal din ir-raġuni qed titressaq kwotazzjoni mingħand The Notebook Centre, b'total ta' €765.00 (VAT Inkluż) b'garanzija ta' sentejn fuq parts u labour. Kien hemm qbil bjn il-membri preżenti dwar dan.

***11.5 WIFI fl-Uffiċċju amministratti***

Dan ir-Reġjun għandu jkollu aċċess ta' WIFI kemm fl-uffiċċju tat-tribunal kif ukoll fl-ufficcju amministrattiv. Il-WIFI li kien hemm fl-uffiċċju amministrattiv kellu jitneħħa minħabba li is-sistema tal-kompjuters nqalbet mas-sistema tal-MITA. Ir-Router li kien qed jintuza fl-uffiċċju amministrattiv tpoġġa fit-Tribunal sabiex ikun hemm dan l-aċċess. Pero għandhu jkun hemm aċċess fl-uffiċċju amministrattiv u għal din ir-raġuni tresqet fuq il-mejda kwotazzjoni mingħand il-Malta Communications Authority.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet oħra peress li s-servizz tal-MCA huwa baxx. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti dwar dan.

***11.6 Xogħol ta' Manutenzjoni fl-Uffiċċju tat-Tribunal***

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri li sar xogħol ta' manutenzjoni fl-uffiċċju tat-tribunal b'nefqa ta' €110.00.

## 12. TMIEM

Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, nfurmat lill-membri preżenti li mill-laqgħa tar-Reġjun li jmiss ser tibda ssir l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun, f'San Ġwann.

Fis-18.55 ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar Ħamis, 10 ta' Marzu, 2016, fil-5.30pm.

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Michael Fenech Adami
President